



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 198 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport dwar l-Artikolu 25 lill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-impatt tal-
proċeduri stabbiliti bl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-
Istandardizzazzjoni fuq il-qafas ta' żmien għall-ħruġ ta' talbiet ta' standardizzazzjoni**

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea (minn hawn' il quddiem, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni)¹:

Sat-2 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt tal-proċedura stabbilita mill-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament fuq il-qafas ta' żmien għall-ħruġ ta' talbiet ta' standardizzazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta jkun xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta legiſlattiva sabiex dan ir-Regolament jiġi emendat.

Dan huwa r-rapport li tfassal biex iwieġeb dan l-Artikolu 25.

2. L-OĠĠETTIVI TAL-ISTANDARDS EWROPEJ U L-ISTRUMENT TA' STANDARDIZZAZZJONI EWROPEA LI JAPPOĠĠAW IL-LEĠIŻLAZZJONI U L-POLITIKI TAL-UNJONI

2.1. Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni:

Sa mis-snin tmenin l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni (ESOs) kellhom rwol importanti u rikonoxxut b'mod wiesa' fl-armonizzazzjoni tal-istandards nazzjonali fil-pajjiżi tal-UE/EFTA u fl-appoġġ għall-ħolqien tas-Suq Uniku. Dan ir-rikonoxximent ġie kkonfermat bid-Direttiva 83/189/KEE², imbagħad bil-Linji Gwida Ġenerali għall-Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-ESOs, iffirmit fl-1984 u riveduti fl-2003³.

Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) huma organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni (ESOs) rikonoxxuti b'dan ir-Regolament tal-Istandardizzazzjoni. Dawn jadottaw, fuq bażi volontarja, l-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea biex jiddefinixxu speċifikazzjonijiet volontarji tekniċi jew tal-kwalità li jistgħu jikkonformaw magħhom prodotti, proċessi ta' produzzjoni jew servizzi, attwali jew futuri, .

Il-karatteristika prinċipali tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni hija li l-Kummissjoni tista' titlob l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu standard Ewropew jew strument Ewropew tal-istandardizzazzjoni għall-prodotti jew għas-servizzi biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni. Il-bażi ġuridika kienet id-Direttiva 98/34/KE u l-ftehim ta' kooperazzjoni mal-ESOs filwaqt li llum il-ġurnata hemm ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Madwar 20 % ta' dawk l-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea huma r-riżultat ta' tali talbiet mill-Kummissjoni,

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi - id-Direttiva 98/34/KE hija kodifikazzjoni tad-Direttiva 83/189/KEE u l-emendi tagħha, ĠU L 204, 21.7.1998

³ ĠU C 91, 16.4.2003

filwaqt li t-80% li jibqa' joriġinaw direttament minn proposti mill-industrija jew partijiet ikkonċernati oħra tal-istandardizzazzjoni.

2.2. Talba għal standardizzazzjoni qabel ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 83/189/KEE (li aktar tard inbidlet bid-Direttiva 98/34/KE⁴) tat permess lill-Kummissjoni tippreżenta “*proposti mmirati għall-eliminazzjoni ta' ostakoli eżistenti jew previsti għall-kummerċ*” u f'dan il-kuntest “*titlob lill-istituzzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu standard Ewropew flimitu taż-żmien partikolari*”. Qabel ma toħroġ dawn it-talbiet ta' standardizzazzjoni, il-Kummissjoni kellha bżonn tikkonsulta l-Kumitat Permanenti tal-Artikolu 5 (il-Kumitat 98/34) magħmul mir-rappreżentanti maħtura mill-Istati Membri. Dan kien l-uniku rekwiżit regolat.

Ir-reġim għal talbiet ta' standardizzazzjoni kif stabbiliti bid-Direttivi 83/189/KEE, u aktar tard bid-Direttiva 98/34/KE, kienlimitata biss għall-istandardizzazzjoni tal-prodotti. Dan ma stabbilixxi b'mod speċifiku l-kontenut ta' tali talba jew il-format legali tagħha, u ma spjegax kif l-ESOs jew partijiet konċernati l-oħra kellhom jiġu kkonsultati fit-tnejn tagħhom.

Tressaq abbozz ta' talba ta' standardizzazzjoni fi tliet lingwi (DE/EN/FR) għall-opinjoni tal-Kumitat Permanenti, normalment wara li kien ġie diskuss fil-Kumitat settorjali rilevanti, jew il-Grupp ta' Ħidma stabbilit abbażi tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti, u wara konsultazzjoni mal-ESOs u l-partijiet konċernati rilevanti l-oħra.

Il-Kumitat Permanenti kellu status konsultattiv biss u l-opinjoni tiegħu ma kinitx vinkolanti għall-Kummissjoni. Il-konsultazzjoni saret jew permezz ta' laqgħa jew permezz ta' proċedura bil-miktub li ħadet bejn erba' (4) u sitt (6) ġimgħat biex ippermettiet il-preżentazzjoni tal-kummenti mill-membri tal-Kumitat. Wara dan, il-Kummissjoni, b'mod indipendenti, iffinalizzat it-talba abbażi tal-kummenti li waslulha u kkomunikat it-talba finali lill-ESOs bejn xahrejn (2) sa ħames (5) xhur wara konsultazzjoni. Normalment, l-ebda data ta' skadenza ma nġhatat lill-ESOs biex jirrispondu għal talba għall-istandards.

It-talbiet ta' standardizzazzjoni ma kinux użati biss biex jintalab l-iżvilupp tal-istandards iżda wkoll biex jinbdew studji ta' fattibbiltà jew xogħol prenormattiv ieħor li ma kienx iwassal b'mod dirett għall-adozzjoni tal-istandards Ewropej.

2.3. Talba ta' standardizzazzjoni bħala Att ta' Implimentazzjoni

Ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni jistabbilixxi regoli riveduti f'dik li hi t-talba tal-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea għall-prodotti u għas-servizzi biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 10(2) tagħha, il-bidla ewlenija hija li l-Kumitat skont l-Artikolu 22 (il-Kumitat dwar l-Istandards) jiġi kkonsultat filwaqt li tiġi applikata l-proċedura ta' eżami deskritta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011⁵. Għalhekk, l-opinjoni tal-Kumitat hija vinkolanti u għaldaqstant talba ta' standardizzazzjoni hija adottata mill-Kummissjoni bħala Att ta' Implimentazzjoni (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni).

⁴ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Fil-proposta tagħha għal Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, COM(2011)315⁶, il-Kummissjoni kienet ipproponiet li jinżamm l-istatus informali tat-talbiet ta' standardizzazzjoni kif ukoll il-konsultazzjoni deskritta fid-Direttiva 98/34/KE. Madankollu, il-koleġiżlatur ddeċieda b'mod differenti: meta joħorġu t-talbiet ta' standardizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom iżommu l-kontroll fuq il-poteri tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni permezz tal-proċedura ta' eżami tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Sabiex jitnaqqas xi tħassib li jista' jkun hemm dwar l-impatt tal-proċedura l-għdida ta' eżami fuq iż-żmien meħtieġ li tinħareġ talba għal standardizzazzjoni, l-Artikolu 25 jirrikjedi li l-Kummissjoni tevalwaha sat-2 ta' Jannar 2015.

3. ANALIŻI

3.1. Impatt tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni

Minkejja l-ippjanar ġenerali, il-preparazzjoni, il-konsultazzjoni u l-proċess tal-adozzjoni kif previsti fl-Artikoli 8, 10(1)-(2) u 12 huma pjuttost differenti mill-proċess stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, il-bidliet s'issa kienu maniġġabbli.

Fil-fatt, anki qabel ma r-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni daħal fis-seħħ, il-Kummissjoni kienet diġà ddeċidiet dwar l-impenji tagħha proprja għall-ippjanar tat-talbiet futuri (permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni jew pjanijiet rikorrenti) u tqiegħed din l-informazzjoni għad-disponibilità tal-pubbliku, filwaqt li kienet iddefinit il-prinċipji għall-konsultazzjoni tal-ESOs, l-esperti settorjali tal-Istati Membri u l-partijiet konċernati rilevanti kollha qabel ma kkonsultat l-Istati Membri fil-Kumitat 98/34.

Prinċipalment, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni daħħal fis-seħħ dawk il-prattiki li qabel ma kinux regolati. Is-sistema ta' notifika tal-Artikolu 12 hija l-unika novità ewlenija, li tippermetti l-aċċess pubbliku għall-abbozzi kollha tat-talbiet. Madankollu, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni jistabbilixxi standards oġhla għall-Kummissjoni meta tintuża l-istandardizzazzjoni Ewropea bħala għodda ta' politika biex jiġu appoġġati l-politiki tal-Unjoni.

Fil-qosor, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni toħloq il-konsegwenzi diretti jew indiretti li ġejjin:

- Skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-pjanijiet tagħha dwar talbiet ġodda ta' standardizzazzjoni fil-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Dan ifisser li l-limitu ta' żmien normali għall-preparazzjoni tat-talbiet ġeneralment huwa itwal minn 12-il xahar, indipendentement mill-mezz ta' konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-istandards fl-aħħar tal-proċess.
- Skont l-esperti settorjali tal-Artikolu 10(2) tal-Istati Membri, l-ESOs u organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet konċernati li jirċievu finanzjament mill-Unjoni skont ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni għandhom jiġu kkonsultati fil-fażi ta' preparazzjoni tat-talba ta' standardizzazzjoni. Normalment, din tkun diġà saret qabel iżda mhux b'mod sistematiku u mingħajr obbligi legali.

⁶ COM(2011)315 finali, 1.6.2011

- Skont l-Artikolu 12, fil-fażi ta' preparazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-partijiet konċernati l-abbozzi kollha tat-talbiet, anke dawk li m'hemmx referenza għalihom fl-Artikolu 10(2), bl-użu tas-Sistema ta' Notifikazzjoni onlajn.
- Skont ir-regoli u l-proċeduri tal-Kumitat dwar l-Istandards, il-president tal-Kumitat għandu jinforma lill-Kumitat, qabel ma jagħti l-opinjoni tiegħu, bl-opinjoni tal-esperti settorjali tal-Istati Membri matul il-fażi ta' preparazzjoni.
- Skont l-Artikolu 10(3) l-ESOs għandhom jindikaw fi żmien xahar wara li jkunu rċevew talba, jekk humiex se jaċċettawha. Dan ir-rekwiżit iwassal għall-bżonn ta' komunikazzjoni effettiva u kontinwa bejn il-Kummissjoni u l-ESOs matul il-fażi ta' preparazzjoni ta' talba.
- Fl-aħħar nett, minħabba li talba ta' standardizzazzjoni tinħareġ bħala Att ta' Implimentazzjoni wara konsultazzjonijiet intensivi, ippjanar u diskussjonijiet, din it-talba għandha tiġi aċċettata (jew miċħuda) mingħajr kundizzjoni mill-ESOs, jiġifieri l-għażla u l-aċċettazzjoni ta' xi partijiet biss ta' talba ma għadux possibbli. Fil-passat kien komuni li t-talbiet tal-Kummissjoni kienu suġġetti għal xi kundizzjonijiet jew aċċettati biss parzjalment mill-ESOs abbażi tar-riżorsi finanzjarji disponibbli jew ta' interessi oħrajn, peress li ħafna drabi l-membri tal-ESOs kienu jiġu kkonsultati biss wara li jirċievu t-talba finali uffiċjalment.

Il-Komunikazzjoni dwar “Viżjoni strateġika għal standards Ewropej: Il-mixja 'l quddiem biex jittejjeb u jitħaffef it-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija Ewropea sal-2020⁷” li ġiet adottata mill-Kummissjoni flimkien mal-proposta għal Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, tistabbilixxi veloċità aħjar tal-istandardizzazzjoni Ewropea bħala wieħed mill-oġġettivi strateġiċi. Għall-istandardizzazzjoni mitluba mill-Kummissjoni, il-kalkolu ta' veloċità jinkludi wkoll iż-żmien kollu li tiegħu l-Kummissjoni stess fil-preparazzjoni ta' talba ta' standardizzazzjoni. Għalhekk, hemm bżonn ta' kooperazzjoni effiċjenti bejn l-ESOs, il-Kummissjoni, l-esperti u l-partijiet konċernati tal-Istati Membri skont ir-regoli l-ġodda sabiex jiġi żgurat li s-sekwenza sħiħa tal-passi meħtieġa fil-fluss tax-xogħol tista' titlesta fiż-żmien dovut.

Għalhekk, abbażi tal-esperjenza li kien hemm s'issa, il-konsultazzjoni tal-Istati Membri fil-Kumitat dwar l-Istandards ma toħloqx konġestjoni jew dewmien fil-proċess imqabbla mal-prattika preċedenti⁸, meta wieħed iqis l-ammont totali ta' żmien meħud fil-proċess ta' preparazzjoni ta' talba ta' standardizzazzjoni.

Dan japplika bil-kondizzjoni li l-fażi tal-ippjanar u l-konsultazzjoni tal-ESOs, l-esperti settorjali tal-Istati Membri u l-partijiet konċernati rilevanti kollha jsiru kif xieraq filwaqt li tiġi żgurata opinjoni pożittiva tal-Kumitat dwar l-Istandards ukoll. Opinjoni pożittiva timplika wkoll li l-abbozz ta' talba tal-Kummissjoni sottomess għall-proċedura ta' eżami jiġi adottat mingħajr ebda modifika jew b'xi adattament żgħir biss biex b'hekk ikunu hemm notifika aktar mgħaġġla għall-ESOs.

Meta mqabbla mal-prattika l-qadima, opinjoni negattiva biss tal-Kumitat dwar l-istandards tista' tikkawża dewmien addizzjonali ta' bosta xhur.

⁷ COM(2011)311 finali, 1.6.2011

⁸ Il-limitu minimu ta' żmien permess għall-konsultazzjoni mal-Kumitat huwa ta' ġimagħtejn. Fil-prattika jingħataw bejn erba' u sitt ġimgħat.

Madankollu, f'dawk li huma l-inizjattivi ta' standardizzazzjoni skont id-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti⁹ (soġġetta għall-proċedura regolatorja bi skrutinju), tabilħaqq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 żied saff addizzjonali ta' deċiżjoni formali tal-Kummissjoni skont ir-regoli tal-Komitoloġija peress li wara l-adozzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà li l-istandards Ewropej għandhom jissodisfaw permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont id-Direttiva 2001/95/KE, it-talba ta' standardizzazzjoni korrispondenti teħtieġ li tiġi adottata mill-ġdid b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni (soġġetta għall-proċedura ta' eżami). Il-Kummissjoni diġà identifikat il-problema, u l-proposta li hemm bħalissa għal regolament dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur¹⁰ għandha l-għan li tissimplifika l-proċedura u tiġi allinjata mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni jeskludi b'mod ċar ix-xogħol preliminari jew anċillari marbut mal-istandardizzazzjoni Ewropea, bħalma huma studji ta' fattibilità, peress li tali azzjonijiet qatt ma jwasslu b'mod dirett għall-adozzjoni tal-istandards Ewropej jew l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 10(1). Fir-reġim il-qadim tali azzjonijiet inbidlu mill-Kummissjoni bl-użu ta' talbiet ta' standardizzazzjoni, iżda skont ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni dan ma għadux possibbli, u din il-prattika tagħti lok għal perjodu iqsar ta' żmien biex jinbdew jew jitħejjew tali azzjonijiet.

3.2. Analiżi statistika

L-istatistika interna tal-Kummissjoni li tkopri s-snin 2006-2014 tindika li l-għadd medju ta' talbiet ta' standardizzazzjoni matul is-snin 2006-2013 (maħruġa skont ir-reġim qadim) kien ta' **20 talba kull sena**. Fl-2014, l-ewwel sena tal-ħruġ ta' talbiet skont ir-reġim il-ġdid, l-għadd huwa stmat li hu ta' disa' talbiet (ara t-Tabella 1).

L-ambitu ta' talbiet ta' standardizzazzjoni kiber mill-istandardizzazzjoni tal-prodott għall-istandardizzazzjoni tas-servizzi, u talbiet li jappoġġaw il-politiki ġenerali tal-Unjoni saru possibbli. Madankollu, l-għadd ta' talbiet ta' standardizzazzjoni huwa mistenni li jonqos fl-2014 b'50% mill-għadd medju matul l-aħħar snin tar-reġim il-qadim. Barra x-xejra ta' tnaqqis mill-2012 fl-għadd ta' talbiet (minħabba l-maturità tas-setturi tal-Approċċ il-Ġdid), iż-żewġ raġunijiet l-oħra ewlenin għal dan it-tnaqqis jistgħu jkunu:

- i. iż-żieda fil-formalità tal-proċess, flimkien mal-ippjanar annwali obligatorju u rekwiżiti aktar speċifiċi dwar il-kontenut ta' talba ta' standardizzazzjoni, u
- ii. il-fatt li t-talbiet ta' standardizzazzjoni ma għadhomx jintużaw biex jinbdew azzjonijiet bħal studji marbuta mal-istandardizzazzjoni jew xogħol preliminari jew anċillari ieħor, li ma għadux iwassal b'mod dirett għall-adozzjoni tal-istandards Ewropej jew l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea.

⁹ G.U. L 11, 15.1.2002, p. 4

¹⁰ COM(2013) 78 final

Tabella 1 — L-għadd ta' talbiet ta' standardizzazzjoni, inklużi emendi, matul l-2006-2014

Reġim ta' konsultazzjoni	Sena	L-għadd ta' talbiet maħruġa
Id-Direttiva 98/34/KE (il-punt e tal-Artikolu 6(4))	2006	24
	2007	20
	2008	18
	2009	21
	2010	20
	2011	19
	2012	23
	2013	16 ^{*)}
Ir-Regolament (KE) Nru 2/2012 (l-Artikolu 10(2))	2014	9 ^{**)}
<p>*) Il-konsultazzjoni marbuta ma' dawn it-talbiet kollha maħruġa fl-2013 kienet diġà saret fl-2012 fil-Kumitat 98/34</p> <p>***) Din hija stima bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli f'Ottubru 2014: il-kampjun hu magħmul minn talba waħda adottata u tmien (8) talbiet ippreżentati diġà jew dalwaqt se jiġu ppreżentati lill-Kumitat dwar l-Istandards biex tiġi kkonsultata l-opinjoni tiegħu.</p>		

Ta' min jinnota li l-Kummissjoni bdiet tirreġistra b'mod aktar sistematiku "id-data tal-bidu" mill-proċess ta' preparazzjoni biss fl-2009. Madankollu, din id-data tal-bidu tirrappreżenta l-ewwel kuntatt bejn Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni li jkun qed jipprepara t-talba u l-President tal-Kumitat (il-Kumitat 98/34 u aktar tard tal-Kumitat dwar l-Istandards) fil-mument meta l-preparazzjoni reali ta' talba tkun se tibda jew bdiet diġà. Minħabba din l-inċertezza fir-reġistrazzjoni ta' din id-data allura din trid titqies bħala stima.

L-istatistika tal-Kummissjoni li tkopri s-snin 2009-2013 tindika medja ta' żmien ta' tħejjija ta' **363 jum kalendarju** (madwar 12-il xahar) għal talbiet maħruġa skont ir-reġim l-qaidm (id-daqs tal-kampjun huwa biss 40 peress li d-data tal-bidu ġiet reġistrata biss għal 40% tat-talbiet tal-2009-2013). L-estimi għall-2014 juru medja ta' żmien ta' tħejjija ta' **420 jum kalendarju** (madwar 13-il xahar u nofs) għat-talbiet stmati li jinħarġu skont ir-reġim il-ġdid (daqs tal-kampjun disgħa (9), ara t-Tabella 2).

Minħabba d-disponibbiltà limitata u l-kwalità tad-dejta ma tistax tinġibed xi konklużjoni definittiva. Madankollu, din iż-żieda possibbli reġistrata, jekk tiġi kkonfermata, tista' tkun ir-riżultat ta' qafas amministrattiv aktar formali għall-iżvilupp ta' talbiet ta' standardizzazzjoni li jeżiġi kooperazzjoni ħafna effiċjenti bejn l-atturi involuti.

Tabella 2 — Iż-żmien medju ta' preparazzjoni għat-talbiet skont ir-reġimi l-qadim u dak ġdid

Reġim ta' konsultazzjoni	Sena tal-ħruġ	L-għadd ta' talbiet kkunsidrati	Iż-żmien medju mid-data tal-bidu tal-preparazzjoni għan-notifika li l-ESOs
Id-Direttiva 98/34/KE (il-punt e tal-Artikolu 6(4))	2009 ... 2013	40	363 jum kalendarju (12-il xahar) ^{*)} (devjazzjoni standard 179 jum kalendarju)
Ir-Regolament (KE) Nru 1025/2012 (l-Artikolu 10(2))	2014	9 ^{**)}	420 cajum kalendarju (13-il xahar u nofs) ^{*)} (devjazzjoni standard 170 jum kalendarju)
<p>^{*)} fir-rapport tagħha COM(1998)291 final¹¹, il-Kummissjoni stmat li ż-żmien medju ta' preparazzjoni kien bejn tmien xhur u 14-il xahar f'dak iż-żmien.</p> <p>^{**)} L-għadd ta' talbiet li għandhom jinħarġu sal-aħħar tal-2014 huwa stima. F'din id-dejta stmata, in-notifika lill-ESOs għandha ssir tliet ġimgħat wara l-proċedura ta' eżami fil-Kumitat dwar l-Istandards.</p>			

4. KONKLUŻJONIJIET

B'konsiderazzjoni:

- il-perjodu relattivament qasir ta' esperjenza dwar talbiet ta' standardizzazzjoni maħruġa abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni;
- li ppjanar trasparenti u xieraq tat-talbiet ta' standardizzazzjoni u l-proċess ta' konsultazzjoni informali mal-ESOs, l-Istati Membri u l-partijiet konċernati rilevanti kollha huma ta' importanza ewlenija qabel il-ħruġ tat-talbiet ta' standardizzazzjoni;
- li l-Kummissjoni qed taġġorna l-gwida interna tagħha dwar kif tippjana, tabbozza u tikkonsulta t-talbiet ta' standardizzazzjoni;
- li xogħol preliminari u anċillari marbut mal-istandardizzazzjoni Ewropea bħalma huma studji ta' fattibilità, fejn ebda standards Ewropej jew strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea speċifiċi ma jintalbu mill-Kummissjoni, jistgħu jinbdew flimkien mal-ESOs mingħajr talbiet;

il-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li r-regoli l-ġodda skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni jżidu l-ħtieġa għal kooperazzjoni effiċjenti bejn l-atturi involuti, il-

¹¹ COM(1998)291 final tal-13.5.1998, Report from the Commission to the Council and the European Parliament on "Efficiency and accountability of European Standardisation under the New Approach"

perjodu qasir ta' żmien biex tinkiseb esperjenza dwar il-proċessi l-ġodda ma jippermettix li tingħbed konklużjoni finali dwar jekk ir-regoli l-ġodda humiex se jwasslu għal żieda permanenti u mhux aċċettabbli fit-tul tal-proċeduri għal talbiet ta' standardizzazzjoni. Għalhekk, m'hemmx biżżejjed dejta biex tissostanzja l-ħtieġa għal proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid is-sitwazzjoni sa tmiem l-2015, fil-kuntest tar-rapport li se tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni, skont l-Artikolu 24(3) tiegħu.